



Brussell, Is-17 ta' Diċembru 2020  
REV2 – tissostitwixxi l-avviż (REV1)  
datat is-17 ta' Awwissu 2020

### AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI

## IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE DWAR L-ESPORTAZZJONI U L-IMPORTAZZJONI TA' OĠĠETTI KULTURALI

Mill-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit irtira mill-Unjoni Ewropea u sar "pajjiż terz"<sup>1</sup>. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ<sup>2</sup> jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020. Sa dik id-data, il-liġi tal-UE kollha kemm hi tapplika għar-Renju Unit u fih<sup>3</sup>.

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-UE u r-Renju Unit se jinneogzjaw ftehim dwar sħubija ġdida, li jipprovdi b'mod partikolari għal żona ta' kummerċ ħieles. Madankollu, m'hemmx ċertezza dwar jekk jintlaħaqx ftehim bħal dan u jekk jidħolx fis-seħħ fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Fi kwalunkwe każ, tali ftehim jgħid relazzjoni li f'termini ta' kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq se tkun differenti ħafna mill-partiċipazzjoni tar-Renju Unit fis-suq intern,<sup>4</sup> fl-Unjoni Doganali tal-UE, u fil-qasam tal-VAT u s-sisa.

Għaldaqstant, il-partijiet interessati kollha, u speċjalment l-operaturi ekonomiċi, huma mfakkra dwar is-sitwazzjoni legali applikabbli wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni (Parti A hawn taħt). Dan l-avviż jispjega wkoll ċerti dispożizzjonijiet rilevanti dwar is-separazzjoni fil-Ftehim dwar il-Ħruġ (il-Parti B hawn taħt) kif ukoll ir-regoli applikabbli għall-Irlanda ta' Fuq wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni (Parti C hawn taħt).

<sup>1</sup> Pajjiż terz huwa pajjiż mhux membru tal-UE.

<sup>2</sup> Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU C 29 I, 31.1.2020, p. 7 ("Il-Ftehim dwar il-Ħruġ").

<sup>3</sup> Soġġett għal ċerti eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 127 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li l-ebda waħda minnhom ma hija rilevanti fil-kuntest ta' dan l-avviż.

<sup>4</sup> B'mod partikolari, ftehim ta' kummerċ ħieles ma jipprovdi għal kunċetti tas-suq intern (fil-qasam tal-prodotti u s-servizzi) bħar-rikonoxximent reċiproku, il-"prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini", u l-armonizzazzjoni. Lanqas ma hemm ftehim ta' kummerċ ħieles li jneħħi l-formalitajiet u l-kontrolli doganali, inklużi dawk li jikkonċernaw l-oriġini tal-merkanzija u l-input tagħhom, kif ukoll projbizzjonijiet u restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet.

### **Avviż lill-partijiet ikkonċernati:**

Biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi stabbiliti f'dan l-avviż, il-partijiet ikkonċernati huma b'mod partikolari avżati biex jivverifikaw il-ħtieġa li jiksbu liċenzji ta' esportazzjoni għal oġġetti kulturali mibgħuta lejn ir-Renju Unit wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

Il-partijiet ikkonċernati huma mfakkra wkoll li wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, l-introduzzjoni fl-UE mir-Renju Unit ta' oġġetti kulturali illegalment esportati li joriġinaw minn hemm jew fi kwalunkwe pajjiż terz ieħor se ssir soġġetta għal projbizzjoni ġenerali skont il-liġi tal-UE.

### **Innota:**

Dan l-avviż ma jindirizzax

- kwistjonijiet ta' ritorn ta' oġġetti kulturali;
- prattiċi doganali u formalitajiet.

Fir-rigward ta' dawn l-aspetti, qegħdin jitħejjew jew ġew ippubblikati avviżi oħrajn<sup>5</sup>.

Barra minn hekk, qiegħda tingħbed l-attenzjoni lejn l-avviż aktar ġeneriku dwar il-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet, fosthom il-liċenzji tal-importazzjoni/esportazzjoni.

### **A. IS-SITWAZZJONI LEGALI WARA T-TMIEM TAL-PERJODU TAT-TRANŻIZZJONI**

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 116/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali<sup>6</sup> u r-Regolament (UE) 2019/880 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-introduzzjoni u l-importazzjoni ta' oġġetti kulturali<sup>7</sup> ma japplikawx<sup>8</sup> aktar għar-Renju Unit<sup>9</sup>. Dan iwassal, b'mod partikolari, għall-konsegwenzi li ġejjin:

<sup>5</sup> [https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/getting-ready-end-transition-period\\_mt](https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/getting-ready-end-transition-period_mt)

<sup>6</sup> ĠU L 39, 10.2.2009, p. 1.

<sup>7</sup> ĠU L 151, 7.6.2019, p. 1.

<sup>8</sup> Huwa mfakkar li l-projbizzjoni ġenerali stabbilita fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2019/880 tapplika mit-28 ta' Diċembru 2020 (l-Artikolu 16(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 2019/880).

<sup>9</sup> Rigward l-applikabbiltà ta' dawn ir-regoli għall-Irlanda ta' Fuq, ara l-Parti C ta' dan l-avviż.

## 1. ESPORTAZZJONIJIET MILL-UNJONI

### 1.1. Liċenzji għall-esportazzjoni lejn ir-Renju Unit

Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 116/2009, l-esportazzjoni tal-oġġetti kulturali elenkati fl-Anness I<sup>10</sup> tiegħu hija soġġetta għal liċenzja tal-esportazzjoni, li tinħareġ minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru. Wara tmiem il-perjodu ta' trazzizzjoni, meta oġġetti kulturali bħal dawn jiġu esportati mit-territorju doganali tal-UE lejn ir-Renju Unit, iċ-Channel Islands, jew lejn l-Isle of Man, dawn l-esportazzjonijiet huma suġġetti għal rekwiżit ta' liċenzja ta' esportazzjoni.

### 1.2. Liċenzji għall-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi oħrajn

Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 116/2009, il-liċenzja tal-esportazzjoni għandha tinħareġ:

- minn awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-oġġett kulturali kien jinsab b'mod legali u b'mod definittiv fl-1 ta' Jannar 1993; jew
- wara dan, minn awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkun jinsab wara jew li jintbagħat b'mod legali jew b'mod definittiv minn Stat Membru ieħor, jew importazzjoni minn pajjiż mhux membru, jew ri-importazzjoni minn pajjiż mhux membru wara dispaċċ legali minn Stat Membru lil dak il-pajjiż.

Skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 116/2009, il-liċenzji tal-esportazzjoni huma validi fl-Unjoni kollha.

Il-liċenzji tal-esportazzjoni maħruġa mir-Renju Unit abbażi tal-liġi tal-Unjoni ma għadhomx validi wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni għal konsenji ta' oġġetti kulturali minn Stat Membru tal-UE lejn pajjiżi terz. Meta dan iwassal għall-ħruġ mill-ġdid minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru tal-UE ta' liċenzja tal-esportazzjoni maħruġa qabel mill-awtorità kompetenti tar-Renju Unit, dan il-ħruġ mill-ġdid jista' jjiehu kont ta' dik il-liċenzja preċedenti.

## 2. INTRODUEZZJONI U IMPORTAZZJONI FL-UNJONI

L-Artikolu 3(1) tar-Regolament 2019/880, li **jipprojbixxi l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' oġġetti kulturali esportati illegalment minn pajjiżi terz**, se jsir applikabbli mit-**28 ta' Diċembru 2020**. Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-introduzzjoni fl-UE mir-Renju Unit ta' oġġetti kulturali illegalment esportati li joriġinaw minn hemm jew fi kwalunkwe pajjiż terz ieħor se ssir soġġetta għal din il-projbizzjoni ġenerali.

---

<sup>10</sup> Pereżempju, għamara li għandha aktar minn 50 sena jew kotba li għandhom aktar minn 100 sena u b'valur ta' aktar minn EUR 50,000, mapep stampati ta' aktar minn 200 sena u b'valur ta' aktar minn EUR 15,000; ara l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 116/2009.

**Fuq medda itwal ta' żmien**<sup>11</sup>, l-importazzjoni fl-UE mir-Renju Unit ta' oġġetti kulturali maħluqa jew skoperti hemmhekk jew fi kwalunkwe pajjiż terz ieħor se tkun soġġetta għal **liċenzja tal-importazzjoni** għall-prodotti elenkati fil-Parti B tal-Anness tagħha (l-Artikolu 4 tar-Regolament 2019/880) u, għall-oġġetti elenkati fil-Parti C tal-Anness tagħha, għall-preżentazzjoni ta' **dikjarazzjoni tal-importatur** lill-awtoritajiet doganali tal-UE (l-Artikolu 5 tar-Regolament 2019/880).

## **B. ID-DISPOŻIZZJONIJIET TAS-SEPARAZZJONI RILEVANTI TAL-FTEHIM DWAR IL-ĦRUĠ**

L-Artikolu 47(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jipprevedi li, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fih, il-movimenti ta' merkanzija fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni iridu jitqiesu bħala movimenti fl-Unjoni fir-rigward tar-rekwiżiti tal-liċenzjar tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni fil-liġi tal-UE.

### **Eżempju:**

Oġġett kulturali, li l-moviment tiegħu għadu għaddej bejn l-UE u r-Renju Unit fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, xorta jista' jidħol fl-UE jew fir-Renju Unit daqslikieku kien moviment bejn żewġ Stati Membri (jiġifieri ma hemm l-ebda rekwiżit għal liċenzja).

## **C. REGOLI APPLIKABBLI FL-IRLANDA TA' FUQ WARA T-TMIEM TAL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI**

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, japplika l-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq (il-Protokoll IE/NI)<sup>12</sup>. Il-Protokoll IE/NI huwa soġġett għal kunsens perjodiku tal-Assemblea Leġiżlattiva tal-Irlanda ta' Fuq, fejn il-perjodu inizjali ta' applikazzjoni jestendi sa 4 snin wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni<sup>13</sup>.

Permezz tal-Protokoll IE/NI ċerti dispożizzjonijiet tal-liġi tal-UE huma applikabbli wkoll għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq. Fil-Protokoll IE/NI, l-UE u r-Renju Unit qablu wkoll li sa fejn ir-regoli tal-UE japplikaw għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, l-Irlanda ta' Fuq tiġi ttrattata daqslikieku kienet Stat Membru<sup>14</sup>.

Il-Protokoll IE/NI jipprevedi li r-Regolament (KE) 116/2009 u r-Regolament (UE) 2019/880 japplika għar-Renju Unit u fih, fil-konfront tal-Irlanda ta' Fuq<sup>15</sup>. Dan ifisser li r-referenzi għall-UE fil-Partijiet A u B ta' dan l-avviż għandhom jinftiehem bħala li

<sup>11</sup> Wara l-ħolqien tas-sistema elettronika ċentralizzata msemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2019/880 u mhux aktar tard mit-28 ta' Ġunju 2025, l-Artikolu 16(2)(b) tar-Regolament (UE) 2019/880.

<sup>12</sup> L-Artikolu 185 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

<sup>13</sup> L-Artikolu 18 tal-Protokoll IE/NI.

<sup>14</sup> L-Artikolu 7(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ flimkien mal-Artikolu 13(1) tal-Protokoll tal-IE/NI.

<sup>15</sup> L-Artikolu 5(4) tal-Protokoll IE/NI u t-taqsimha 47 tal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll. Ir-Regolament (UE) 2019/880 ġie miżjud ma' dak l-Anness bid-Deċizzjoni Nru 3/2020 tal-Kumitat Konġunt tas-17 ta' Diċembru 2020.

jinkludu l-Irlanda ta' Fuq, filwaqt li r-referenzi għar-Renju Unit għandhom jinftiehem li jirreferu biss għall-Gran Brittanja. B'mod aktar speċifiku, dan ifisser, fost oħrajn, dan li ġej:

- Moviment ta' oġġetti kulturali mill-UE lejn l-Irlanda ta' Fuq mhuwiex esportazzjoni għall-finijiet tar-Regolament (KE) Nru 116/2009;
- Moviment ta' oġġetti kulturali mill-Irlanda ta' Fuq lejn pajjiż terz jew lejn il-Gran Brittanja huwa esportazzjoni għall-finijiet tar-Regolament (KE) Nru 116/2009<sup>16</sup>;
- Moviment ta' oġġetti kulturali lejn l-Irlanda ta' Fuq mill-UE mhuwiex importazzjoni għall-finijiet tar-Regolament (KE) Nru 2019/880;
- Moviment ta' oġġetti kulturali minn pajjiż terz jew mill-Gran Brittanja għall-Irlanda ta' Fuq huwa importazzjoni għall-finijiet tar-Regolament (KE) Nru 2019/880. Għalhekk, l-**introduzzjoni** fl-Irlanda ta' Fuq ta' oġġetti kulturali esportati illegalment minn pajjiż terz, inkluż daww mibgħuta hemmhekk mill-Gran Brittanja, se tkun ipprojbata wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni<sup>17</sup>.
- Mill-mument li s-sistema elettronika ċentralizzata għall-Importazzjoni ta' Oġġetti Kulturali (is-sistema ICG) prevista fl-Artikoli 8 u 9 tar-Regolament 2019/880 issir operattiva u, sa mhux aktar tard mit-28 ta' Ġunju 2025:
  - L-operaturi se jkollhom japplikaw mal-awtorità kompetenti fl-Irlanda ta' Fuq għal liċenzji tal-importazzjoni għal oġġetti kulturali tal-kategoriji elenkati fil-Parti B tal-Anness tar-Regolament li għandhom jiġu importati hemmhekk minn pajjiż terz jew mibgħuta hemmhekk mill-Gran Brittanja;
  - L-operaturi se jkollhom jissottomettu dikjarazzjonijiet tal-importatur lid-dwana tal-NI għal oġġetti kulturali li jappartjenu għall-kategoriji elenkati fil-Parti C tal-Anness tar-Regolament li għandhom jiġu importati fl-Irlanda ta' Fuq minn pajjiż terz jew mibgħuta hemmhekk mill-Gran Brittanja.

Madankollu, il-Protokoll tal-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq jeskludi l-possibbiltà għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq li

- jipparteċipa fit-teħid ta' deċizzjonijiet u fit-tfassil ta' deċizzjonijiet tal-Unjoni<sup>18</sup> u
- jinvoka r-rikonoxximent reċiproku ta' liċenzji ta' esportazzjoni maħruġa mir-Renju Unit fil-konfront tal-Irlanda ta' Fuq<sup>19</sup>.

<sup>16</sup> L-obbligu fir-rigward tal-esportazzjonijiet fir-Regolament (KE) Nru 116/2009 huwa meħtieġ mill-obbligi internazzjonali tal-Unjoni (il-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-1970 dwar il-Mezzi ta' Projbizzjoni u Prevenzjoni tal-Importazzjoni, Esportazzjoni u Trasferiment Illegali tas-Sjieda tal-Proprietà Kulturali), ara l-Artikolu 6(1) tal-Protokoll IE/Ni.

<sup>17</sup> Din il-projbizzjoni ma tinvolvi kontrolli sistematiċi iżda, jekk pereżempju l-awtoritajiet NI jirċievu intelligence ta' vjeġġi suspettużi jew matul kontrolli każwali jiltaqqu ma' vjeġġ ta' oġġetti kulturali illeċiti, ikollhom jinterċettaw u jieħdu l-miżuri xierqa kollha.

<sup>18</sup> Fejn ikun hemm bżonn ta' skambju ta' informazzjoni jew konsultazzjoni reċiproka, dawn għandhom iseħħu fil-grupp ta' ħidma konsultattiv konġunt stabbilit mill-Artikolu 15 tal-Protokoll IE/Ni.

B'mod aktar speċifiku, dan ifisser, fost oħrajn, dan li ġej:

- Liċenzja tal-esportazzjoni maħruġa mir-Renju Unit fil-konfront tal-Irlanda ta' Fuq ma tistax tiġi invokata għat-trasportazzjoni mill-UE lejn pajjiż terz.
- Meta s-sistema ICG issir operattiva u l-liċenzji tal-importazzjoni jinħarġu mir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, dawk il-liċenzji ma jistgħux jiġu invokati għall-importazzjonijiet minn pajjiż terz lejn l-UE.

Is-sit web tal-Kummissjoni dwar ir-regoli tal-UE għall-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali ([https://ec.europa.eu/taxation\\_customs/business/customs-controls/cultural-goods\\_en](https://ec.europa.eu/taxation_customs/business/customs-controls/cultural-goods_en)) jipprovdi informazzjoni ġenerali. Dawn il-paġni jiġu aġġornati b'informazzjoni addizzjonali fejn meħtieġ.

Il-Kummissjoni Ewropea

Id-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali

---

<sup>19</sup> L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll IE/NI.